# Il-Ħajja u l-Ħidma ta' Dun Peppin Pace (1915-1962)

Minn Profs. Antoine Agius LL. D., Ph. D.



Il-parrinu tiegħi tal-Griżma tal-Isqof kien Dun Peppin, prim kuġin ma' ommi u maz-ziju Dun Ġwakkin bħalma kien ukoll kuġinuh, is-Sur Ġużè Cardona. Kont irċevejt il-Griżma mingħand l-E.T. Mons. Arċisqof Sir Michael Gonzi nhar l-24 ta' April, 1958 Dun Peppin twieled nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar, 1915. Fl-1915 ma kinetx għadha twieldet l-Azzjoni Kattolika Maltija. Meta Dun Peppin għadda għall-mistrieħ ta' dejjem kien l-Erbgħa 17 ta' Ottubru, 1962. L-Azzjoni Kattolika mhux biss kien raha titwieled u tikber, iżda lejha ddedika ħajtu, u bħall-patrun tagħna San Ġorġ Martri, ħasad fl-għalqa tal-Mulej.

## Qassisin fil-Familja Pace

Fil-familja Pace ta' Ħal Qormi diġà kienu ħarġu żewġ saċerdoti oħra. Dawn kienu zijuh Dun Stejfen Pace (1874-1911) li miet ta' 36 sena, tliet snin qabel ma twieled Dun Peppin. Dun Stejfen, minbarra li kien dejjem jiġi l-ewwel fil-kors tat-Teoloġija u wkoll ħa d-Dottorat fit-Teoloġija, kiseb l-M.A. (Master Artium) fil-kors tal-Arti. Dun Stejfen kien għallem l-Latin fis-Seminarju lill-E.T. Arċisqof Gonzi meta dan tal-aħħar kien għadu tifel. Is-saċerdot l-ieħor kien il-Kappillan Dott. Dun Manwel Pace (1847-1917) li kien dam 34 sena kappillan tal-parroċċa tagħna. Meta miet Dun Manwel Pace, Dun Peppin kellu sentejn. F'din is-sena stess, jiġifieri fl-1917, Dun Peppin u oħtu Kikkina (Francesca), li mietet ta' 39 sena fit-3 ta' Awwissu, 1952, sfaw iltiema minn missierhom, in-nutar Giuseppe Pace, miet fit-8 ta' Awwissu, 1917 ta' 39 sena. Omm Dun Peppin li tiġi oħt nannti kien jisimha Maria Carmela, u kienu jsibuha Mimi, u mietet fit-22 ta' Lulju, 1956.



## Edukazzjoni Primarja u Sekondarja

Meta kellu disa' snin Peppinu beda jmur is-Seminarju, u kien dejjem minn ta' quddiem fl-eżamijiet. Il-Monsinjur Laspina, li kien Prefett tiegħu u ta' sħabu, mhux l-ewwel darba tah xi santa jew xi ktieb biex jippremjah għall-għerf u għall-imġiba tajba tiegħu. L-aħħar sena għall-Matrikola għamilha għand il-Ġiżwita, fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi, u fl-istess eżami tal-Matrikola f'Ġunju 1932, kien ġie t-tieni minn Malta kollha.

## Edukazzjoni Terzjarja

Fl-Università ta' Malta studja għal Baċellerat fl-Ingliż, it-Taljan u l-Latin. Meta kellu 20 sena resaq għall-konkors internazzjonali mniehdi mill-Gvern Taljan, u kiteb dwar Malta fl-Arti u l-Letteratura Latina u Taljana. Ħafna resqu għal dan il-konkors li r-rebbieħ tiegħu kien Dun Peppin. Fil-kors tat-Teoloġija ġie t-tieni u ħa l-Liċenzjat mill-Università ta' Malta fl-1940.

## Saċerdot u Ħidma Pastorali

L-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu kienet nhar it-18 ta' Mejju, 1940. Dun Peppin ħadem biex kabbar l-Azzjoni Kattolika Maltija. Ta' min isemmi li meta kellu biss 16-il sena, malli twaqqaf iċ-Ċirkolu San Stanislaw Koska fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, mill-ewwel issieħeb fih. Għamel żmien jieħu ħsieb dan iċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur, u żied ħidma oħra fl-Azzjoni Kattolika li baqa' jgħożż sa mewtu, dik tax-xebbiet u tan-nisa. Fl-1945 kiteb daqsxejn ta' ktieb ċkejken bi stedina lix-xebbiet ta' Ħal Qormi biex jidħlu fil-moviment tal-Azzjoni Kattolika. Għall-Fergħa Djoċesana tan-Nisa, Dun Peppin jibqa' mfakkar bħala l-ewwel Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali.

Kien maħtur predikatur tal-Missjoni l-Kbira mill-10 ta' Novembru 1945 u miet Segretarju tagħha; u dakinhar stess li ħassu ħażin – ġimgħa

Ikompli f'paġna 105

Ikompli minn paġna 103

qabel miet – minflok tela' fuq il-pulptu hu, fil-parroċċa tal-Gżira fejn kellu jipprietka tela' wieħed minn sħabu.

### Għalliem u Direttur Spiritwali

Fl-1 ta' Mejju 1947, wara sena jew tnejn jgħallem it-Taljan fis-Seminarju, inħatar ma' żewġ saċerdoti oħra Direttur Spiritwali tal-Iskejjel Primarji tal-Gvern.

Fil-Knisja Arċipretali tagħna mill-ewwel quddiesa solenni tiegħu nhar it-2 ta' Ġunju 1940 sa ma miet ,qaddes b'kollox madwar 8,000 darba. U dan minbarra x-xogħol u l-ħidma pastorali bħal magħmudijiet, qrar u tqarbin u prietki, fosthom it-tridu (fl-1941, meta saret biss il-festa ta' ġewwa mħabba l-gwerra) u l-paniġierku (fl-1956) ta' San Ġorġ.

### Mewt

Miet f'età tenera ta' 47 sena nhar is-17 ta' Ottubru, 1962 wara marda qasira ta' ġimgħa. Hu midfun fiċ-ċimiterju tal-Addolorata fil-qabar numru 14, Kompartiment A, Sezzjoni T, Diviżjoni Punent.

Inkun qiegħed nonqos jekk ma nsemmix lin-nies ta' Bormla fejn kien għad ilu sentejn mhux magħluqa li ħa l-pussess ta' Kanonku Teologu ta' dik il-Kolleġġjata.

It-telfa tiegħu bikrija ħassitha wkoll il-Ġunta tal-Ġimgħa l-Kbira li tagħha kien l-ewwel u l-uniku Segretarju, u wkoll il-Fratellanza tal-Vjatku li tagħha kien Prokuratur. Fi żmien li hu kien prokuratur tal-Fratellanza sar l-istandard tal-prim.

Fil-funeral tiegħu kelli ħdax-il sena u niftakar il-mijiet ta' kbar u żgħar li attendew. Fosthom kien hemm għadd ta' żgħażagħ u rġiel mill-Iskola tal-Għomja li kienu nġibdu lejh.

### Lapida Kommemorattiva

Nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar, 1965 fl-għeluq il-ħamsin sena mit-twelid ta' Dun Peppin, il-President Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika Maltija, Pawlu Saliba, P. L. kixef irħama kommemorattiva li tfakkar il-ħidma tal-Ewwel Assistent Ekkleżjastiku Ċentrali tal-Fergħa tan-Nisa tal-A. K. M. jiġifieri l-Kan Dun Peppin Pace. Dan wara li l-Kan. Dun Jimmy Brincat għamel diskors dwar Dun Peppin li kien kiteb il-Kan. Dun Ġwakkin Schembri. Meta s-saċerdoti sħabu għalqu 25 sena saċerdozju nhar it-18 ta' Mejju, 1965 ħarġu santa kommemorattiva kif ukoll għamlu quddiesa fil-Knisja Arċipretali tagħna in b'suffraġju għal ruħu. Ħasra li f'Ħal Qormi nsibu triq imsemmija għad-dragun u ma nsibux triq imsemmija għal dan is-saċerdot.

Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

*(Nota tal-Awtur: it-tagħrif li hawn hu fil-qosor ta' dan id-diskors, b'xi żidiet meħuda mill-album li Dun Ġwakkin kien għamel dwaru).*

CHARLIE MALLIA

għal kull xogħol fuq il- ġebel :

-skultura
-statwi
-lavur
-ħnejjiet
-balavostri
-qoxra

L-ebda xewqa m'hi impossibli




TEL:21462439
MOB:99202242

L-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici ssellem u tifraħ